MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa b'urġenza Nru 29/2021-8

Il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza b'mod virtwali fuq MS Teams minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija u dan skond Direttiva 7/2020.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

**29.1 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 – SPI/SCI/3/2021**

29.1.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema imnedija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Hu nforma lil membri li l-Kunsill jista' jieħu sa 85% ta' din l-iskema u jaħseb li din l-attivita' ser tiġi tiswa madwar €61,000. Ippropona li din tissemma *Colours of Hope* u ssir is-Sibt, 26 ta' Ġunju 2021. Din tkun qed tagħti bidu għal ftuħ ufficċjali tas-Sajf fejn inħarsu b'tama u fiduċja li bħala poplu kapaċi ngħelbu l-isfidi li qed inħabbti wiċċna magħhom. Is-Sindku qal li din l-attivita' ser igawdi Għawdex kollu mhux biss Marsalforn peress li ser issir *f'long Weekend*. Is-Sindku propona li ssir wirja ta' logħob tan-nar ta' l-ajru b'mużika sinkronizzata mal-mużika li jiġi maħruq minn fuq barkun il-barra mill-port ta' Marsalforn. Dan in-nar ikun jista' jitgawda minn diversi nħawi fit-tramuntana tal-Gżira Għawdxija; mill-Bajja ta' Marsalforn, Għar Qawqla, il-Qbajjar, il-Bajja ta' taħt ix-Xifer, tul il-kosta minn Marsalforn sal-Qbajjar kif ukoll miż-Żebbuġ, ix-Xagħra u c-Cittadella. Is-Sindku kompla jgħid li jekk id-Dipartiment għal Gvern Lokali jaċċetta t-talba tiegħu, l-Kunsill jiprova jikseb finanzjament ieħor kemm mill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll mill-Gozo Tourism Authority. Propona wkoll li minħabba *traffic management* issir *shuttle bus servizz* minn u

lejn il-parkeġġ prinċipali fir-Rabat. Qal li wirja bħal din tkun qed tagħti spinta lin-negozju kollu t'Għawdex speċjalment dawk ta' Marsalforn. Il-Kunsilliera Sandra Grech infurmat lil membri li qabel ma ssir xi attivita' hemm bżonn jinġiebu l-permessi mill-Awtorita' tas-Saħħa. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill jimxi mar-regolamenti u qal li ħaseb f'din l-attivita' peress li n-nies ikunu imbeda' sew minn xulxin peress li din il-wirja tista' titgawda minn diversi bnadi. Il-Kunsilliera, Daniel Cordina u Baskal Saliba qalu li huma tal-fehma li din hi inizjattiva u proġett tajjeb ħafna. Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini proponiet sabiex ir-reklamar jieħdu ħsiebu tal-Banda biex b'hekk ikunu qed jintużaw ir-riżorsi tar-raħal. Is-Sindku wieġeb li għadu kmieni biex il-Kunsill jiddeċiedi dawn l-affarijiet peress li l-ewwel hemm bżonn li l-bord jagħżel il-proposta tal-Kunsill. Kompla jgħid li huwa importanti li l-bord jieħu inkonsiderazzjoni ta' din il-proposta peress li ser tkun qed titgawda minn Għawdex kollu. Is-Sindku rringrazzja lid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal l-iskema ta' għajnuna li nħarġet biex jittellgħu dawn l-attivitajiet. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal dan il-proġett.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv